

# Dun Mikiel Ellul
*(1860 – 1891)*

# Niesu u Għeruqu

Horatio Caesar Roger Vella *

Forsi ftit semgħu b'Dun Mikiel Ellul, li miet 120 sena ilu, eżattament fl-14 ta' Mejju, f'qasir il-għomor. Huwa fil-memorja tal-antenati tagħna, u d-dexxendenti tiegħu talbuni ngħarrfu lill-qarrejja ta' dan il-ġurnal. Huma jiġu minnu b'dawn il-modi:

A. Vinċenz Chircop-Roża Ellul (oħt Dun Mikiel)
Mikiel Attard-Anġla Chircop
Leonardu Cutajar-Konċetta Attard

B. Vinċenz Chircop-Roża Ellul (oħt Dun Mikiel)
Salvu Agius-Marija Chircop
Antonju Busuttil-Marija Karmela Agius u oħtha Ġużeppa

Ċ. Vinċenz Chircop-Roża Ellul (oħt Dun Mikiel)
Leonardu Busuttil-Karmela Chircop
Ġużeppa Cachia-Vinċenz Busuttil u oħtu Ġulina

B'hekk ngħidu li Dun Mikiel kien iz-ziju ta' ommijiet dawn is-superstiti, u jekk dawn ma jiftakruhx, huwa proprju għax laħaq miet żgħir.

Dun Mikiel Ellul twieled f'Ħal Kirkop fl-4 ta' Jannar, 1860, u tgħammed fis-6 ta' Jannar fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop minn Dun Ġużepp Vella, Kappillan ta' Ħal Kirkop. Missieru u ommu kienu Leonardu u Marija Antonja Vella, u issemma Mikiel, Benedittu u Filippu. Il-parrinijiet tiegħu kienu zijuh Gejtanu Ellul, bin Ġużeppi, u Marija Camilleri, bint Annunzjatu, minn Ħal Kirkop. L-aħwa mgħammdin fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop kienu dawn:

1. Marija Annunzjata Ellul, imwielda u mgħammda fit-8 ta' Settembru, 1849; din Marija Annunzjata wara żżewġet lil Benedittu Chircop, bin Franġisku u Marija Falzon, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop, fit-22 ta' Lulju, 1879;
2. Katerina Ellul, imwielda fl-24 ta' Awwissu, 1851, u mgħammda l-għada;
3. Pietru Pawlu Ellul, imwieled fl-4 ta' Ottubru, 1852, u mgħammed l-għada; dan Pietru Pawlu miet ftit tas-snin wara;
4. Benedittu Ellul, imwieled fil-31 ta' Ottubru, 1853, u mgħammed l-għada; dan Benedittu miet ftit tas-snin wara;
5. Pietru Pawlu Ellul, imwieled fil-5 ta' Mejju, 1855, u mgħammed l-għada; Pietru Pawlu Ellul iżżewweġ lil Marija Anna Micallef, bint Wiġi u Margerita Spiteri, li mietet ta' 74 sena f'Ħal Kirkop fis-26 ta' Novembru, 1938, u ndifnet l-għada fiċ-Ċimiterju ta' San Nikola f'Ħal Kirkop, fil-qabar tal-familja numru 17; ir-raġel tagħha, Pietru Pawlu, miet f'daru, numru 14, Triq il-Kbira, Ħal Kirkop, ta' 94 sena fid-29 ta' Mejju, 1949, u ndifen l-għada fl-istess qabar; binthom Ġovanna żżewġet lil Remiġju De Sacco, bin Girgor De Sacco u Marija Konċetta Spiteri, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal

Kirkop, fl-20 ta' Novembru, 1927; binthom oħra, Ġużeppa, mietet xebba fl-istess dar ta' missierha fl-età ta' 82 fit-28 ta' Jannar, 1984, fis-1.00a.m., u ndifnet fl-istess jum fl-istess qabar tal-familja;

6. Ġużeppi Ellul, imwieled fis-27 ta' Ottubru, 1857, u mgħammed l-għada;
7. **Mikiel Ellul**, imwieled fl-4 ta' Jannar, 1860, u mgħammed fis-6;
8. Benedittu Ellul, imwieled fil-21 ta' Diċembru, 1861, u mgħammed l-għada;
9. Antonju Ellul, imwieled fid-29 ta' April, 1864, u mgħammed fl-1 ta' Mejju; dan Antonju miet f'daru f'Ħal Kirkop fl-età ta' 45 fl-4 ta' Marzu, 1909, u ndifen fis-7 ta' Marzu fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop, fil-qabar numru 1;
10. Roża Marija, imwielda u mgħammda fil-5 ta' Lulju, 1866; din Roża Marija mietet ftit tax-xhur wara;
11. Roża Ellul, imwielda fid-19 ta' Ottubru, 1867, u mgħammda l-għada; din Roża Ellul wara żżewġet lil Vinċenz Chircop, bin Franġisku u Marija Falzon, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop, fit-3 ta' Lulju, 1887; b'hekk Marija Annunzjata u Roża, aħwa, iżżewġu aħwa oħra;
12. Karmelu Ellul, imwieled fit-12 ta'Marzu, 1870, u mgħammed l-għada; dan Karmelu miet ftit tas-snin wara;
13. Anġlu Ellul, imwieled fit-8 ta' Ġunju, 1872, u mgħammed l-għada; dan Anġlu żżewweġ lil Marija Anna Camilleri, u wara li mietet, iżżewweġ lil Marija Franġiska Saverja Dimech, bint Ġwanni u Verġinja Pugliosovich, armla ta' Emanuel Vidal, fil-Knisja Parrokkjali tal-Imsida fit-2 ta' April, 1945; huwa miet fl-Isptar Ċentrali, il-Furjana, fl-età ta' 84 fil-5 ta' Diċembru, 1956, fl-12.10a.m., u ndifen l-għada fiċ-Ċimiterju San Nikola f'Ħal Kirkop, fil-qabar numru 18; u
14. Karmelu Ellul, imwieled fis-27 ta' Jannar, 1880, u mgħammed l-għada.[1]

B'hekk kienu aħwa erbatax, imwieldin tul 31 sena, u Dun Mikiel kien is-seba' wieħed, u warajh kien hemm sebgħa oħra.

Dun Mikiel irċieva s-Sagrament tal-Griżma fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-22 ta' Mejju, 1871. Il-parrinu tiegħu kien Dun Franġisk Sacco, minn Ħal Kirkop.[2] Dan Dun Franġisku, bin Indrì u Marija Zahra, miet f'daru ta' 55 sena, sentejn wara, fis-6 ta' Settembru, 1873, u ndifen l-għada fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-qabar numru 20, wara li kellu korteo sabiħ.[3]

Iz-zijiet ta' Dun Mikiel, ħut Leonardu Ellul, ulied Ġużeppi u Roża Saliba, twieldu u tgħammdu f'Ħal Kirkop b'dan il-mod:

1. Annunzjata Ellul, li twieldet fid-29 ta' Mejju, 1815, u tgħammdet l-għada;
2. Feliċja Ellul, li twieldet fid-9 ta' Novembru, 1816, u tgħammdet l-għada;
3. Gejtanu Ellul, li twieled u tgħammed fis-27 ta' Marzu, 1819; dan miet ftit wara;
4. Gejtanu Ellul, li twieled fl-14 ta' April, 1821, u tgħammed l-għada; dan ukoll miet ftit wara;
5. Lawrenz Ellul, li twieled u tgħammed fis-6 ta' Marzu, 1825;
6. Gejtanu Ellul, li twieled u tgħammed fit-23 ta' Ġunju, 1827; u
7. Antonju Ellul, li twieled fit-3 ta' Awwissu, 1830, u tgħammed l-għada.

Dawn ma setgħux kienu kollha, peress li Leonardu mhux inkluż fil-lista tal-aħwa, ulied Ġużeppi Ellul u Roża Saliba.[4]

Iz-zijiet ta' Dun Mikiel, ħut Marija Antonja Ellul, xebba Vella, ulied Mikiel Anġlu u Anġela Gerada, twieldu u tgħammdu fil-Qrendi b'dan il-mod:

1. Antonju Vella
2. Franġisku Vella; dan wara żżewweġ lil Ġovanna.[5]

L-antenati ta' Leonardu Ellul (A2), missier Dun Mikiel (A1), kienu dawn:

Duminku Azzopardi (L11)-Margerita Ġwanni
Indrì Azzopardi (L10)-Grazzja .../
Ġużeppi Azzopardi (L9)-Marija Camilleri
Katerina Azzopardi (L8)

Marju Dimech (I8)-Duminka
Grazzja Dimech (I7)

Klement Muscat (Ħ7) -Anna
Marija Muscat (Ħ6)

Ġ.Pawlu Coleiro (J8)-Ġovanella Aless. (K8) -Katerina Azzopardi
Clement Saliba (Ġ7)-Duminka Mattew Coleiro (J7)-Vinċenza Cirches (K7) .../
Marċellu Saliba (Ġ6) -Marija Coleiro (J6) .../
Vinċenza Saliba (Ġ5)

Ġwanni Pawlu (F8) -Ġulja
Marinu (F7) -Grazzja Dimech
Ġwanni (F6) -Marija Muscat
Salvu (Ċ5)-Grazzja De Lorenzo (Ġ5) Anġlu (F5) -Vinċenza Saliba
Annunzjatu (A4)-Kristina Calleja (E4)Kalċidon (Ċ4)-Katerina Chircop (F4) .../
Ġużeppi Ellul (A3)-Roża Saliba (Ċ3) .../
Mikiel Anġlu (B3) -Anġela Gerada (D3)
Leonardu Ellul (A2)-Marija Antonja Vella (B2) .../
**Dun Mikiel Ellul** (A1)

**Noti**:

* Horatio Caesar Roger Vella huwa Professur tal-Latin u tal-Grieg fl-Università ta' Malta.

A3. Ġużeppi Ellul, bin Annunzjatu u Kristina Calleja (E4), iżżewweġ lil Roża Saliba(Ċ3), bint Kalċidon u Katerina Chircop (F4) fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fid-19 ta' April, 1814.[6]

Ċ3. Roża *sive* Rożalja Saliba twieldet fl-14 ta' Jannar, 1778, f'Ħal Kirkop, u tgħammdet fl-istess jum fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop. Ħut Roża Saliba twieldu f'Ħal Kirkop u tgħammdu hekk:

1. Antonju li twieled fl-14 ta' Settembru, ?, u tgħammed l-għada fil-Katidral ta' Malta;
2. Ġużeppi, li twieled fis-27 ta' Settembru, 1776, u tgħammed f'Ħal Kirkop fl-istess jum;
3. Fidele, li twieled fis-26 ta' Ottubru, 1781, tgħammed f'Ħal Kirkop fl-istess jum, u miet fil-31 tal-istess xahar;
4. Marija Roża, li twieldet fis-27 ta' Awwissu, 1785, u tgħammdet l-għada f'Ħal Kirkop;
5. Vinċenza, li twieldet fl-4 ta' Diċembru, 1787, u tgħammdet l-għada f'Ħal Kirkop;
6. Paskal, li twieled fl-1 ta' Ġunju, 1790, u tgħammed l-għada f'Ħal Kirkop;
7. Marija Anna, li twieldet fit-8 ta' Mejju, 1792, u tgħammdet fl-istess jum f'Ħal Kirkop; u
8. Leonardu, li twieled fir-4 ta' Novembru, 1794, u tgħammed l-għada f'Ħal Kirkop.

B'kollox kienu disgħa.[7]

F4. Katerina Chircop twieldet fil-15 ta' Frar, 1753, u tgħammdet l-għada f'Ħal Kirkop. Ħutha twieldu f'Ħal Kirkop kif ġej:

1. Lawrenz, li twieled fit-28 ta' Mejju, 1750, tgħammed l-għada f' Ħal Kirkop, u miet fl-10 ta' Ottubru tal-istess sena;
2. Tereża, li twieldet fir-4 ta' Awwissu, 1751, tgħammdet f'Ħal Kirkop fl-istess jum, u mietet fit-3 ta' Novembru tas-sena ta' wara;
3. Ġwanni Pawlu, li twieled fit-8 ta' Novembru, 1754, u tgħammed l-għada f'Ħal Kirkop;
4. Karmena, li twieldet fit-8 ta' Settembru,1757, u tgħammdet l-għada f'Ħal Kirkop;
5. Roża, li twieldet fis-16 ta' Jannar, 1760, tgħammdet jumejn wara, u mietet fit-28 tal-istess xahar; u
6. Marija, li twieldet fid-29 ta' Jannar, 1761, u tgħammdet jumejn wara f'Ħal Kirkop.

B'hekk kienu aħwa sebgħa.[8]

Ċ4. Kalċidon Saliba, bin Salvu u Grazzjulla, iżżewweġ lil Katerina Chircop, bint Anġlu u Vinċenza, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fid-9 ta' Ġunju, 1776;[9] Kalċidon Saliba miet ta' 81 sena f'daru f'Ħal Kirkop b'mewta ta' malajr fit-18 ta' Diċembru, 1834, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-qabar numru 20;[10] Katerina Saliba mietet qablu wkoll ta' 81 sena fl-Infermerija Sagra fid-9 ta' Awwissu, 1834, u ndifnet fiċ-ċimiterju tal-istess sptar.[11]

Ċ5. Salvu Saliba żżewweġ lil Grazzja De Lorenzo.[12]

F5. Anġlu Chircop, bin Ġwanni u Marija, iżżewweġ lil Vinċenza Saliba, bint Marċellu u Marija, mill-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, Valletta, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fl-20 ta' Mejju, 1742;[13] Anġlu Chircop miet ta' 78 sena f'Ħal Kirkop fl-24 ta' Marzu, 1799.[14]

F6. Ġwanni Chircop, bin Marinu u Lukrezja *sive* Grazzja, iżżewweġ lil Marija Muscat, bint Klement u Anna, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fl-10 ta' Frar, 1711.[15]

Ġ6. Marċellu Saliba u Marija Coleiro jiġu minni b'dan il-mod:

Horatio Vella-Vivienne Caruana (Kirkop) > Francis Vella-Theresa Bartolo (Sacro Cuor, Sliema) > Ġwanni Battista Vella-Marija Konċetta Attard (Żejtun) > Ġużeppi Vella-Marija Spiteri (Żejtun) > Ġwanni Spiteri-Franġiska Azzopardi (Żejtun) > Ġużeppi Spiteri-Gejtana Abela (Żejtun) > Alessandru Spiteri-Anna Zerafa (Żabbar) > Ġwanni Pawlu Spiteri-Beninja Saliba (Imdina) > Marċellu Saliba-Marija Coleiro (Żabbar).[16] B'hekk jien niġi bejn is-sitt u s-seba' kuġin tas-Sinjuri msemmija fuq, dexxendenti ta' Dun Mikiel Ellul.

F7. Marinu Chircop, bin Ġwanni Pawlu u Ġulja, minn Ħaż-Żebbuġ, iżżewweġ lil Grazzja Dimech, bint Marju u Duminka, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-2 ta' Lulju, 1673.[17]

I7. Grazzja Dimech twieldet u tgħammdet f'Ħal Kirkop fis-17 ta' Frar, 1647. Ħutha twieldu u tgħammdu f'Ħal Kirkop kif ġej:

1. Marija, fis-6 ta' Settembru, 1648, u mietet ftit wara;
2. Marija oħra, fit-30 ta' Novembru, 1651;
3. Duminku, fit-23 ta' Marzu, 1653;
4. Roġinu, fl-20 ta' Frar, 1658;
5. Benedittu, fit-13 ta' April, 1659;
6. Ġwanni Marija, fis-26 ta' Frar, 1661;
7. Katerina, fl-20 ta' Ottubru, 1662;
8. Franġisku, fl-14 ta' Mejju, 1664;
9. Remiġju, fis-16 ta' Diċembru, 1665; u
10. Ġulju, fit-12 ta' Ottubru, 1667, u tgħammed l-għada.

B'kollox kienu aħwa ħdax.[18]

F8. Ġwanni Pawlu Chircop u Ġulja jiġu minn ibni Jerome b'dan il-mod:

Jerome Vella (Kirkop) > Horatio Vella-Vivienne Caruana (Kirkop) > Paulinu Caruana-Mary Consiglio (Żejtun) > Karlu Caruana-Verġinja Tabone (Żejtun) > Karmelu Caruana-Katerina Attard (Żejtun) > Franġisku Caruana-Marija Farrugia (Żejtun) > Mikiel Farrugia-Ġeronima Montebello (Żejtun) > Franġisku Farrugia-Tereża Abela (Żejtun) > Mikiel Abela-Katerina Formosa (Żejtun) > Karlu Abela-Grazzja Portelli (Żabbar) > Natali Portelli-Katerina Tanti (Dingli) > Ġużeppi Tanti-Marija Chircop (Dingli) > Ġwanni Pawlu-Ġulja.

B'hekk il-mara tiegħi tiġi bejn it-tminn u l-għaxart kuġina tas-sinjuri msemmija fil-bidu nett, jiġifieri, ta' Kunċetta Cutajar, Marija Karmela Busuttil u Vinċenz Busuttil, dexxendenti ta' Dun Mikiel Ellul.

Missier Dun Mikiel miet f'daru f'Ħal Kirkop ta' 75 sena fis-7 ta' Novembru, 1895, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop l-għada fil-qabar numru 2. Martu, Marija Antonja, mietet b'mewta ta' malajr, ukoll ta' 75 sena, fl-1 ta' Settembru, 1906, ħdax-il sena wara, u ndifnet l-għada fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fl-istess qabar.

Dun Mikiel Ellul innifsu miet f'daru f'Ħal Kirkop fl-età żgħira ta' 31 fl-14 ta' Mejju, 1891, qabel mewt ommu u missieru, u ndifen l-għada fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-qabar tal-familja, numru 5.[19]

**Referenzi:**

Arkivju Parrokkjali Kirkop (ħajr lill-Kappillan, Dun Noel Camilleri, li poġġa l-Arkivju għad-dispożizzjoni tiegħi bħala riċerkatur).

Vella, H.C.R. (2006). *Indiċi ta' ismijiet ta' nies minn Ħal Kirkop li jinsabu mniżżla fir-reġistri taż-żwiġijiet, magħmudijiet u mwiet f'Birmiftuħ u f'Ħal Kirkop mill-1550 sal-1840*. Birkirkara, Concept Communications Ltd.

Vella, H.C.R. (2008). *L-imwiet f'Ħal Kirkop: 1798-1840*. F'H.C.R. Vella ed., *Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru*. Ħal Kirkop, Kunsill Lokali Kirkop, 172-195.

**Referenzi:**

1 A.P.K., *Libri baptizzatorum, matrimoniorum, defunctorum.*
2 A.P.K., Liber confirmatorum, sub die confirmationis.
3 A.P.K., Liber defunctorum, sub die mortis.
4 A.P.K., Liber baptizzatorum, sub diebus baptismi.
5 H.C.R. Vella (2006), 219-292.
6 H.C.R. Vella (2006), 212.
7 H.C.R. Vella (2006), 275-279.
8 H.C.R. Vella (2006), 219-292.
9 H.C.R. Vella (2006), 200.
10 H.C.R. Vella (2008), 179.
11 H.C.R. Vella (2008), 179.
12 H.C.R. Vella (2008), 179, s.v. "Saliba, Kalċidon".
13 H.C.R. Vella (2006), 189.
14 H.C.R. Vella (2008), 174.
15 H.C.R. Vella (2006), 189.
16 Riċerka tiegħi minn parroċċi diversi.
17 H.C.R. Vella (2006), 95.
18 H.C.R. Vella (2006), 124-125.
19 A.P.K., *Liber defunctorum, sub diebus mortis.*